MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 1013/2009

Rapid Exchange Company Limited.

Vs

Noel Palmier u Alex Ellul.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, tmienja u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€348.63) minghand il-konvenuti jew min minnhom , rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata fuq ordni taghhom stess. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kkalkolati mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2010, fejn gie dikjarat illi s-sorte kien thallas.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet it-talba taghha fil-konfront tal-konvenut Noel Palmier.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Alex Ellul gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici limitatament fir-rigward ta’ l-ispejjes gudizzjarji u legali ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li l-konvenut Alex Ellul naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tal-ispejjes tal-kawza tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna l-konvenut Alex Ellul ihallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------